MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2011

Numru. 62/2009

Il-Pulizija
(Sp Priscilla Caruana)
vs
Christopher Attard iben Saviour, imwieled Attard fit-3 ta' Settembru, 1966, Karta ta' l-Identita numru 363766(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fis-27 ta' Ġunju, 2008 għal ħabta tal-5.15 p.m. ġewwa Triq Ħal-Far, Birżebbuġia, volontarjamwent ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Barbara Attard, skont kif iċċertifikat Dr. Dorothy Zammit M.D.;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-27 ta’ Ġunju, 2008 il-pulizija ġiet infurmata li fi Triq Ħal-Far kien hemm persuna feruta. Huma marru fuq il-post u barra fond fit-triq hawn fuq indikata sabu lil Barbara Attard li b’xuqaman kienet qed iżomm id-demm ħiereġ minn imnieħerha. Chrisotpher Attard, l-imputat, li jiġi r-raġel tagħha kien ħdejha. Is-surgent li wasal fuq il-post saqsa x’ġara u Barbara Attard qaltlu li żewġha kien ta daqqa ta’ ras fuq imnieħerha. L-imputat, a tempo vergine, qal li huma kellhom xi jgħidu, ġew viċin xulxin u laqatha b’rasu.

Illi mix-xhieda ta’ Barbara Attard jirrizulta li l-kwistjoni kienet waħda dwar il-wirt u dak in-nhar ta’ l-inċident ir-raġel kien aggrediha fir-residenza tagħhom u kien taha daqqa ta’ ras.

Illi l-imputat fix-xhieda tiegħu ċaħad li hu ħebb għal martu jew li kien hu li għamel il-ferita fuq l-imnieħer tagħha.

Illi l-versjoni ta’ Barbara Attard hi l-iktar waħda kredibbli. Għandu jiġi tenut kont ukoll ta dak li s-surgent irriskontra

meta mar fuq il-post ta' l-inċident ftit minuti biss wara li seħħ.

Illi konseqwenza ta' din id-daqqa ta' ras Barbara Attard ġiet eżaminat l-ewwel darba fejn ġiet riskontrata ferita ta' natura ħafifa. Sussegwentement, l-istess tabiba ħarġet it-tieni ċertifikat li kient tindika li tali ferita kienet waħda gravi billi ħalliet marka fuq l-imnieħer tagħha.

Illi l-espert tal-Qorti irriskontra li Barbara Attard kellha ċikatriċi li setgħet tiġi osservata meta wieħed ikun ftit 'il bogħod minnha. Min-naħa tiegħu l-imputat eżebixxa żewġ ritratti tagħha u min hemm jirrizulta li dik il-marka li għandha fuq imnieħirha kienet anteċedenti għall-inċident meritu ta' din il-kawża.

Illi fuq l-iskort ta' dawn il-provi wieħed jasal għall-konkluzjoni li l-imputat għamel ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' martu Barbara Attard u billi l-inċident ġara ġod-dar it-tieni akkuża ma tistax tirrizulta.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati li għamel ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Barbara Attard. Rat l-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkudanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €138.36 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' espert.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------